# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Josephine Cutajar**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Josephine Cutajar**, detentriċi tal-karta tal-identita' 728155(M) fejn ġiet mixlija talli fis-27 t'Ottubru, 2014 għall-ħabta tat-15:30 u/jew fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa Ħal-Kirkop, volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt euro iżda li kienet tiswa' aktar minn mitejn u ħamsin euro għad-detriment t'Anton Camilleri jew persuni oħra.

Rat li matul is-seduta it-8 ta' Ġunju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputata skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess

imputata wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 11 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-Avukat Andrew Sciberras tenniet li ma kienetx ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Abbli Prosekutur u l-Abbli Avukat Difensur;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Għalkemm l-Abbli Avukat Difensur saħaq bis-sħiħ fuq inkonsistenzi li kien hemm fix-xiehda tal-Prosekuzzjoni, prinċipalment Mark Vella u Orazey Pulis, il-Qorti tqis li mill-assjem tal-

provi il-fatti ġraw skont kif irrakkuntaw dawn ix-xiehda. Huwa veru li hemm ċerti dettalji li varjaw minn deposizzjoni għall oħra. Pero ma jistax jiġi minsi li bejn l-akkadut u deposizzjoni u oħra għaddew diversi snin. L-istampa li toħroġ minn din ix-xiehda pero tibqa konsistenti.

## *Deċide :*

li għar-raġunijiet premessi, u wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lill-imputata Josephine Cutajar ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha. Peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhux spedjenti li timponi piena kontra tagħha wara li rat l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma emanat dan l-ordni hija fissret lill-ħatja, bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum l-10 t'Ottubru 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***